## Il-prijoritajiet tal-PĦE għall-2019: Dak li jirsistu għalih il-Ħodor Ewropej

Għeżież votanti,

issa huwa l-waqt li nindirizzaw it-tibdil fil-klima. Issa huwa l-waqt li nipproteġu d-demokrazija. Issa huwa l-waqt li nqumu kontra l-mibegħda u r-razziżmu. Issa huwa l-waqt li niġġieldu għall-ġustizzja soċjali. Issa huwa l-waqt li ssir bidla fl-Ewropa biex il-ħolm taċ-ċittadini tagħha jkun jista' jsir realtà.

Il-viżjoni Ħadra tagħna għall-Ewropa hija dik ta' Ewropa li tippromwovi l-integrazzjoni ta' aktar aspetti ekoloġiċi fl-ekonomija Ewropea, li tippermetti l-ħolqien ta' impjiegi ġodda tajbin; aħna għandna dmir lejn uliedna u lejn id-dinja. Li timmira għal ġustizzja soċjali u ġenerazzjonali u għal demokrazija inklussiva. Li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u li tagħtihom is-setgħa. Li tgħożż id-diversità u ssostni l-istat tad-dritt. Li tippromwovi l-paċi internazzjonali u l-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli.

Irridu nġeddu l-wegħda tal-Ewropa. Aħna nirrappreżentaw il-proġett Ewropew. Aħna se naħdmu biex nissiltu kontra u niżolaw lil dawk li jippruvaw idawwru kritika valida dwar nuqqasijiet u żbalji f'retroattività anti-Ewropea, estremista u ksenofobika. Aħna ngħidu le għal Ewropa ta' nazzjonaliżmu. Aħna nikkunsidraw il-proċess ta' unifikazzjoni Ewropea bħala kisba storika kbira. Hija ta' benefiċċju għall-Ewropej b'bosta modi. Iżda aħna mhux se nibbażaw biss fuq il-palji li ksibna fil-passat. L-Ewropa, id-dar komuni tagħna, hija dedikazzjoni, responsabbiltà.

L-unità Ewropea għandha tiġi żviluppata aktar f'kull ġenerazzjoni. F'dan iż-żmien, isir dejjem aktar importanti li naħdmu flimkien għall-valuri u l-interessi komuni fid-dinja. Sabiex nindirizzaw l-isfidi l-kbar irridu naqblu fuq is-sovranità Ewropea minħabba li n-nazzjonijiet individwali tagħna mhumiex b'saħħithom biżżejjed. Ejja niffaċċjaw l-isfidi u l-opportunitajiet flimkien bħala Ewropej. L-Ewropa għandha tħares il-multilateraliżmu, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u r-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti.

Biex nibnu Ewropa li twassal riżultati għaċ-ċittadini tagħha, id-demokrazija għandha tissaħħaħ. Il-qafas istituzzjonali tal-UE għandu jiżviluppa aktar f'demokrazija sħiħa b'ħafna livelli, fejn id-deċiżjonijiet pubbliċi kollha jittieħdu b'mod trasparenti minn rappreżentanti eletti u politikament responsabbli. Dan il-qafas għandu jippermetti liċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv biex joħolqu l-poter trasformattiv li jbiddlu l-Ewropa għall-aħjar. Għalhekk, il-lobbying jeħtieġ li jsir trasparenti b'regoli li jorbtu sewwa. Dan kollu huwa r-raġuni għala ningħaqdu ma' movimenti li jippromwovu s-solidarjetà, ir-responsabbiltà ambjentali u klimatika, l-istat tad-dritt, il-feminiżmu, il-ġustizzja u l-libertà. Dawn huma l-valuri ewlenin tal-Ħodor li nsegwu fit-tfittxija għad-demokrazija popolari. L-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha tiġi riformata biex tiżgura li l-progress jinqasam b'mod ġust u ħadd ma jibqa' lura.

Aħna nappellaw liċ-ċittadini Ewropej kollha biex jagħmlu użu mid-dritt tal-vot tagħhom. Rarament l-elezzjoni Ewropea kienet daqstant konsegwenzjali daqs dik li jmiss. Jekk l-

Ewropa hux se timxi 'l quddiem b'mod magħqud jew hux se titkisser jiddependi fuq l-għażla taċ-ċittadini, fuq l-għażla tiegħek.

Hawn huma t-tnax-il prijorità Ħadra għat-tibdil tal-Ewropa:

**Niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima billi b'mod gradwali jintemm l-użu tal-faħam, nippromwovu l-effiċjenza fl-enerġija u nimxu lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli 100%**

It-tibdil fil-klima huwa l-isfida li tiddefinixxi ż-żminijiet tagħna. Mingħajr kontroll tat-tibdil fil-klima l-umanità tista' toħloq qerda liema bħala u tirrendi ħafna partijiet tad-dinja mhux abitabbli. Iżda t-tweġiba għall-kriżi klimatika teżisti tassew: Hija tibda bl-enerġija solari, dik mir-riħ u minn sorsi oħrajn ta' enerġija rinnovabbli! Għandna mmorru għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli 100%, nużaw b'mod effiċjenti l-enerġija tagħna, neliminaw l-użu tal-enerġija fossili kif ukoll dik nukleari filwaqt li noħolqu impjiegi sostenibbli fir-reġjuni milquta. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mod mgħaġġel biżżejjed biex jintlaħaq il-limitu tat-temperatura tad-dinja ta' 1.5°C se nħeġġu bis-sħiħ tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija b'emissjonijiet ta' nett-żero. Baġit tal-karbonju tal-UE u prezz minimu tal-karbonju b'saħħtu huma meħtieġa biex insaħħu l-isforzi tagħna. Aħna nippromwovu t-tneħħija gradwali tal-faħam sal-2030 u tal-fjuwils fossili l-oħra ftit wara. Is-sussidji għall-fossili u għan-nukleari għandhom jieqfu issa. L-Ewropa teħtieġ li tiddiżinvesti mill-fjuwils fossili, biex tattira fondi privati u pubbliċi minn investimenti fossili.

**Ninvestu fl-ekonomija ħadra u ġusta, riċerka u innovazzjoni**

L-Ewropa għandha ċ-ċans li ssir mexxejja globali fit-tranżizzjoni ġusta għal ekonomija ċirkolari newtrali fl-emmissjonijiet tal-karbonju permezz ta' Ftehim Ġdid Aħdar (Green New Deal), li tegħleb il-paradigma ta' awsterità u li tiżgura żvilupp ekonomiku li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd. Dan jipprometti xogħol tajjeb u impjiegi deċenti, sostenibbiltà, inklussività soċjali, reżistenza mtejba għall-kriżi u stabbiltà. Irridu nagħmlu dan fi sħubija ma' atturi ekonomiċi, impjegati, unjins u negozji sabiex nippromwovu s-sigurtà ekonomika. Aħna nappellaw għal awtorità tal-UE li tkun effettiva u indipendenti għas-superviżjoni tas-settur diġitali sabiex tikkontrolla u tillimita s-setgħa fis-suq tal-korporazzjonijiet il-kbar. L-Ewropa teħtieġ politika industrijali sostenibbli komuni. Aħna nappellaw għall- manifattura u deċiżjonijiet dwar finanzi li jkunu sensittivi ekologikament , iżda nopponu kull attentat biex tkun ippreżentat impressjoni falza ta' sensittivita ambjentali (greenwashing). L-iżvilupp ta' infrastruttura adegwata għandu jkun prijorità immedjata; għandu jkun hemm enfażi fuq ir-riċerka u l-eko-innovazzjoni. L-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali u t-teknoloġija nadifa għandhom jimxu id f'id, iggwidati mill-ħtiġijiet tas-soċjetà u mill-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli tal-komunità internazzjonali.
Id-(de)regolamentazzjoni industrijali u l-ftehimiet kummerċjali m'għandhomx jitħallew jimminaw jew jostakolaw il-progress ambjentali u soċjali.

**Niggarantixxu dħul minimu deċenti f'pajjiżi membri**

L-Ewropa teħtieġ issir unjoni tassew soċjali, tagħti s-setgħa lill-ħaddiema, tiġġieled kontra l-faqar u tnaqqas l-inugwaljanza. Il-wegħda soċjali għall-ġustizzja u l-inklużjoni għaċ-ċittadini

kollha għandha tiġi mġedda. M'għandhiex tkun vittma tal-politika ta' awsterità u lanqas tar-regħba tal-intrapriżi. Niġġieldu kontra d-dumping soċjali. Għandha tiġi żgurata paga ġusta kif ukoll id-drittijiet tal-Unjin u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. Il-leġiżlazzjoni qafas Ewropea għandha tinforza, permezz ta' direttiva dwar dħul minimu, approvata mill-Parlament Ewropew li jmiss, li l-Istati Membri jiggarantixxu liċ-ċittadini tagħhom dħul minimu deċenti, li jkunu jirrispettaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali. Il-Ħodor ukoll jiġġieldu għal liv għal raġunijiet ta' mard imħallas b'mod ġust u liv ġust tal-ġenituri fil-pajjiżi kollha. Id-drittijiet soċjali għandhom isiru infurzabbli legalment. Aħna favur esperimenti nazzjonali dwar skemi ta' dħul bażiku universali kif ukoll ta' skemi ta' tnaqqis tal-ħin tax-xogħol.

**Inħarsu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inżidu t-trasparenza u niġġieldu l-korruzzjoni**

L-istat tad-dritt huwa taħt attakk, kemm fl-Ewropa kif ukoll barra. Id-difiża tiegħu kontra l-awtoritarjaniżmu hija battalja għar-ruħ tal-Ewropa. L-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri għandhom ikunu magħqudin f'dan il-kunflitt. L-UE teħtieġ mekkaniżmu vinkolanti u komprensiv biex jissorvelja regolarment l-istat tad-demokrazija, id-dritt tal-forzi tal-oppożizzjoni li jinstemgħu, l-istat tad-dritt, l-istampa ħielsa u drittijiet fundamentali fl-Istati Membri kollha tal-UE. Teħtieġ ukoll sistema ta' djalogu politiku u miżuri ta' intervent rapidu u appoġġ għall-midja indipendenti, għas-soċjetà ċivili u, jekk meħtieġ, sanzjonijiet adegwati. It-trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-UE għaċ-ċittadini hija indispensabbli. In-nuqqas ta' trasparenza fil-Kunsill jikkompremetti l-kontabilità demokratika u jippermetti illi b'mod ipokritiku wieħed iżomm lil "Brussell" responsabbli. L-UE għandha tappoġġa b'mod affidabbli gruppi ta' minoranza kontra kull diskriminazzjoni. Hija teħtieġ li tipprovdi protezzjoni lill-attivisti, lill-ġurnalisti u lill-whistle blowers li jesponu informazzjoni moħbija fl-interess pubbliku. Fondi Ewropej ma għandhomx jintużaw biex jiksru r-regoli Ewropej. Il-gvernijiet nazzjonali li jdgħajfu l-istat tad-dritt għandhom jiġu miċħuda l-kontroll tal-fondi tal-UE, filwaqt li l-benefiċjarji finali għandhom ikunu protetti. Il-korruzzjoni għandha tiġi miġġielda b'determinazzjoni.

**Niddefendu d-dritt għal ażil u nistabbilixxu toroq legali u siguri għal migrazzjoni**

Garanziji ta' sigurtà għal dawk li jfittxu l-ażil jeżistu minħabba l-lezzjonijiet li l-istorja kerha Ewropea għallmitna. Għalina, id-dritt għall-ażil mhuwiex negozjabbli. Irridu politika tal-ażil ibbażata fuq is-solidarjetà, fuq l-umanità u proċess ordnat inkluż it-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u li mill-ġdid terġa' tibda l-missjoni Ewropea għas-salvataġġ fil-baħar. L-Ewropa għandha toħloq standards komuni u regoli komuni għall-mobilità tax-xogħol u l-migrazzjoni. Irridu li l-Unjoni tappoġġa lill-pajjiżi u muniċipalitajiet li jintegraw lir-refuġjati jew lill-migranti. L-għajnuna lill-migranti qatt m'għandha titqies bħala att kriminali. Ħadd m'għandu jispiċċa l-ħabs għax ifittex l-ażil.

**Nagħmlu l-ferroviji alternattiva reali għall-ajruplani fl-Ewropa**

Għan ewlieni Aħdar huwa li s-settur tat-trasport jiġi trasformat madwar l-Ewropa biex tingħeleb kemm jista' jkun malajr id-dipendenza tagħna fuq karozzi li jniġġsu, biex jitwaqqaf it-tniġġis dejjem jiżdied mill-avjazzjoni u biex ikun hemm investiment b'mod estensiv

f'netwerks ferrovjarji reġjonali u transkonfini. L-emissjonijiet tas-CO2 mis-settur tat-trasport qed ikomplu jiżdiedu, b'mod partikolari minn karozzi u titjiriet. Alternattiva pożittiva hija li l-pajjiżi u r-reġjuni jkunu konnessi permezz ta' ferroviji veloċi, ferroviji li jivvjaġġaw mal-lejl u ferroviji reġjonali. Biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn it-traffiku tal-ferroviji u dak tal-ajru, it-titjiriet bl-ajru għandhom jiġu ntaxxati b'mod ġust.

**Nipproteġu s-saħħa taċ-ċittadini tagħna billi niġġieldu t-tniġġis tal-arja u tal-ilma u nwaqqfu l-iskart iġġenerat mill-plastik**

Azzjoni determinata dwar l-ambjent tista' ttejjeb il-ħajja ta' miljuni ta' persuni. Biex inħarsu l-arja li nieħdu n-nifs minnha u l-ilma li nixorbu, għandna bżonn innaqqsu t-tniġġis malajr. Eluf imutu kull sena minn partikoli fini u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja. Żieda sinifikanti ta' mard ġiet ipprovokata mid-degradazzjoni ambjentali u stili ta' ħajja ħżiena għas-saħħa. Kimiċi, ormoni, nitrati jew plastik mikroċellulari fil-katina tal-ikel tagħna joħolqu ħafna perikli għas-saħħa. L-UE għandha tindirizza l-għeruq tal-problema u tieħu inizjattivi adegwati. Oġġetti magħmulin minn plastik li mhumiex riċiklabbli għandhom jiġu ntaxxati jew ipprojbiti, waqt li jiġu żviluppati alternattivi sostenibbli kif ukoll jiżdiedu l-miri ta' riċiklaġġ. Sabiex nippreżervaw in-natura tant siewja tagħna, irridu nestendu ż-żoni ta' natura protetta b'mod sinifikanti biex ikunu jkopru l-ekosistemi ewlenin. L-UE teħtieġ programm ġdid ta' azzjoni dwar l-ambjent. L-UE m'għandhiex tiffinanzja azzjonijiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lill-bijodiversità. Iż-żoni marittimi protetti għandhom ikopru 20% tal-ibħra tagħna.

**Nipproduċu ikel lokali tajjeb, ħieles mill-OĠM u mill-pestiċidi, kif ukoll biedja li ma taħqarx lill-annimali**

Il-flus tal-kontribwenti Ewropej għandhom, fil-ġejjieni, jappoġġjaw biss il-produzzjoni tal-ikel tajjeb għal saħħet iċ-ċittadini Ewropej minflok ma jissussidjaw l-agro-industrija li teqred il-ħamrija tagħna, iżżid il-kriżijiet tal-bijodiversità u timmonopolizza l-produzzjoni tal-ikel. L-aktar pestiċidi velenużi għandhom jiġu pprojbiti kemm jista' jkun malajr. Aħna nopponu prodotti agrikoli Ewropej li qed jinbiegħu b'irħis fis-suq dinji b'mod li jeqirdu l-produzzjoni tal-ikel lokali f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kif il-bdiewa jibbenefikaw mill-politika agrikoli Ewropeja għandu jiddependi fuq kemm huma jipproteġu l-klima u l-ilma, jinvestu fil-ħarsien tal-annimali, jipproteġu l-bijodiversità u jastjenu milli jużaw organiżmi ġenetikament modifikati (OMĠ). Irridu prezzijiet tal-prodotti li jkunu ġusti mal-bdiewa f'żoni rurali vitali minflok li nservu ftit kumpaniji multinazzjonali bi dħul kbir. Il-Ħodor jirrappreżentaw il-ħarsien tal-annimali fl-irziezet kontra l-krudeltà ta' tgħammir bil-massa u t-tortura li tirriżulta mit-trasport tal-bhejjem fuq distanzi twal.

**Niggarantixxu aċċess liberu għal edukazzjoni ta' kwalità, apprendistati b'rimunerazzjoni ġusta u impjiegi tajbin għaż-żgħażagħ**

Iż-żgħażagħ qed jibnu l-futur tal-Ewropa. Għandna dmir li nagħtu liż-żgħażagħ l-aħjar kundizzjonijiet possibbli talli qed jagħmlu dan u li nagħtuhom id-dritt għall-emanċipazzjoni. Din hija r-raġuni għala ż-żgħażagħ għandu jkollhom id-dritt għal edukazzjoni ogħla affordabbli, kundizzjonijiet tajbin ta' taħriġ u aċċess ġust għal impjiegi bi dħul tajjeb. Il-protezzjoni soċjali għaż-żgħażagħ tkun garantita permezz ta' dħul minimu, u esperimenti ta'

dħul bażiku. L-UE għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu aktar fl-edukazzjoni. L-Ewropa teħtieġ tinvesti bil-qawwa fil-finanzjament tat-tagħlim tul il-ħajja, u tal-kwalifikazzjoni mill-ġdid. Il-finanzjament tal-UE għal programmi ta' skambju, bħall-Programm Erasmus, jeħtieġ li jiġi mmultiplikat b'għaxar darbiet. Kull persuna żagħżugħa għandu jkollha l-possibbiltà li tipparteċipa fi programm ta' skambju irrispettivament mill-isfond finanzjarju jew mill-karriera edukattiva. Finanzjament suffiċjenti għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jagħti liż-żgħażagħ iċ-ċans li jiżviluppaw il-proġetti ta' volontarjat tagħhom stess. Aħna se nissieltu kontra r-regolamenti tas-suq tax-xogħol li jxekklu l-aċċess ġust għaż-żgħażagħ. Pass Ewropew Kulturali ċertament jarrikkixxi l-programm Erasmus.

**Niġġieldu għall-ġustizzja fiskali issa**

Kulħadd għandu jħallas is-sehem ġust tiegħu f'taxxi minħabba li l-evażjoni tat-taxxa korporattiva fil-forom diversi tagħha ddgħajjef id-demokrazija. Is-soċjetajiet tagħna qed isiru dejjem aktar mifruda. It-tassazzjoni inġusta tikkontribwixxi għall-inugwaljanza. L-inugwaljanza dejjem tikber, lobbies li joperaw bla xkiel u l-korruzzjoni huma ta' periklu kbir għad-demokrazija. Il-Ħodor sejrin jiżviluppaw sistemi ta' taxxa li ma jkomplux jipprivileġġjaw il-korporazzjonijiet multinazzjonali kbar u individwi għonja. Aħna ġġielidna bis-sħiħ fil-Parlament Ewropew għal aktar ġustizzja fiskali. Se nkomplu niġġieldu kontra r-rifuġji fiskali, l-evażjoni tat-taxxa (fil-forom diversi tagħha), u l-ħasil tal-flus. Mhux aċċettabbli li numru ta' korporazzjonijiet multinazzjonali kif ukoll pjattaformi kbar tal-Internet ma jħallsu kważi l-ebda taxxa. Għalhekk, irridu nintroduċu taxxa diġitali fl-Ewropa. Il-Ħodor jissiltu kontra kompetizzjoni fiskali inġusta bejn il-pajjiżi membri li qiegħda tfixkel il-baġits pubbliċi kullimkien.

**Niġġieldu għal Ewropa femminista, kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u għal drittijiet indaqs għal kulħadd**

L-ugwaljanza bejn is-sessi tinsab fil-qalba tal-politika tal-Ħodor: Irridu li d-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Irridu niggarantixxu kura u s-servizzi tas-saħħa riproduttiva u sesswali b'xejn, aċċessibbli, ta' kwalità tajba u siguri għal kulħadd, inkluż l-abort[1]. L-Ewropa teħtieġ li tiġġieled kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru kif stipulat fil-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-pajjiżi Ewropej kollha għandhom jimplimentaw il-konvenzjoni ta' Istanbul bi prijorità. Aħna determinati li niżguraw pagi ugwali għal xogħol ugwali u kompożizzjoni aktar bilanċjata a bażi tal-ġeneru fl-istrutturi tal-poter. Irridu wkoll li l-politika u s-servizzi kollha jirrikonoxxu d-diversità vera tal-Ewropej u li nindirizzaw u nipprevjenu kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza inkluż LGBTIQ*.

**Inwaqqfu l-esportazzjonijiet tal-armi lil dittaturi u partijiet f'kunflitti u nrawwmu l-iżvilupp**

L-UE għadha proġett ta' paċi. Biex tinżamm il-paċi, l-Ewropa teħtieġ politika ta' sigurtà u difiża komuni, billi tiġbor f'daqqa u tqassam riżorsi kif ukoll tikkoordina l-isforzi tal-Istati Membri fuq livell Ewropew. L-Ewropa m'għandhiex tfittex li tagħmel profitti minn esportazzjonijiet bla

[1] Alternattiva Demokratika, Malta, tirreġistra l-oġġezzjoni tagħha għal kull referenza għall-abort

skrupli ta' armi u teknoloġiji ta' sorveljanza għal dittaturi jew partijiet f'kunflitti. Linji gwida strinġenti dwar l-esportazzjoni għandhom jiġu imposti strettament. L-istabilità u l-iżvilupp ma jistgħux jiġu ggarantiti biss permezz ta' mezzi militari. L-Ewropa għandha żżid il-finanzjament tagħha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp li għandu jilħaq mill-inqas iż-0.7% tal-PDG u żżid, mhux tnaqqas, il-finanzjament tagħha għall-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni u l-moderazzjoni ta' kunflitti ċivili. Meta d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent ikunu mhedda serjament, l-Ewropa għandha tkun tista' tiddefendi l-valuri tagħha billi tuża b'mod komprensiv l-istrumenti tal-politika barranija tagħha. Kunċett komprensiv tas-sigurtà tal-bniedem jikber biss f'ambjent ta' multilateraliżmu, ta' ġustizzja internazzjonali, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

**Għeżież votanti,**

l-elezzjoni li ġejja se tkun deċiżiva għall-ġejjieni tal-Ewropa. Irridu negħlbu l-istatus quo u nibdew paġna ġdida fl-isforz Ewropew komuni tagħna. Id-dinja ta' madwarna ma tieqafx u ma tistennix lilna, u allura aħna, fl-Ewropa, ma għandniex il-lussu li naħlu l-ħin. Ejjew inkunu dawk li nġibu l-bidla fl-Ewropa! Ejjew ngħaqqdu analiżi radikali b'għanijiet viżjonarji u approċċ pragmatiku.

Il-Ħodor Ewropej jwiegħduk li jirsistu għall-prijoritajiet li qed jippreżentawlek hawnhekk. Nistiednu liċ-ċittadini Ewropej kollha biex jappoġġjawna f'dawn il-ġlidiet. L-għażla ta' aktar Membri tal-Parlament Ewropew tal-Ħodor minn aktar pajjiżi tgħinna mmexxu dawn il-prijoritajiet 'il quddiem. Sabiex nimplimentaw dawn il-prijoritajiet aħna nfittxu li nagħmlu alleanzi u maġġoranzi progressivi fil-Parlament Ewropew li jmiss. Il-Ħodor iwegħdu li jappoġġjaw kandidat ewlieni mill-elezzjoni Ewropea bħala l-president tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss li tkun lesta li taqsam dawn l-għanijiet. Ejjew nibnu Ewropa aħjar.

*F'każ ta' diskrepanza lingwistika l-verżjoni Ingliża tipprevali*